Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 497/2016

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Gasan Zammit Motors Limited skont il-Ligi u skont il-polza ta' assigurazzjoni**

**(appellanti)**

**Vs**

**Sullivan Maritime Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Grimaldi Euromed SpA**

**(appellata)**

14 ta' Mejju, 2018.

1. Fil-31 ta' Ottubru, 2016 l-attrici pprezentat avviz tat-talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf tmien mija u erbgha u tletin Euro u hamsin centezmu (€1,834.50) rapprezentanti danni u hsarat li l-attrici tghid li hija responsabbli ghalihom is-socjeta` konvenuta trasportatrici, sofferti mill-assikurata taghha Gasan Zammit Motors Limited fil-vettura bix-chassis number WF 05 XXGCC 5FJ 06432 li giet trasportata lejn Malta abbord tal-vapur Eurocargo Napoli permezz ta' polza ta' kariku rilaxxata mill-konvenuti, liema somma l-attrici tghid ukoll li hallsitha lill-imsemmija assikurata taghha skont il-ligi u polza ta' assikurazzjoni rilaxxata u b'hekk giet surrogata fid-drittijiet ta' Gasan Motors Limited; bl-ispejjez u interessi mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

2. Il-konvenuta Sullivan Maritime Limited bhala agent tas-socjeta` estera Grimaldi Euromed SpA b'mod preliminari qalet li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar m'ghandux gurisdizzjoni skont klawsola numru 2 tat-termini u kundizzjonijiet tal-polza ta' karika in kwistjoni (Dok. SML1).

3. Wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta' Lulju 2017 biex tinghata decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni, it-Tribunal fl-istess udjenza issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u *ex officio* qajjem l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* wara li ra l-Artikoli 5 u 7, 547, 548 u 549 tal-Kodici tal-Kummerc.

4. B'sentenza tal-20 ta' Settembru 2017 it-Tribunal iddikjara li m'ghandux kompetenza *rationae materiae* biex jisma' u jiddeciedi din it-talba u konsegwentement illibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, u dan wara li ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma relevanti ghal dan l-appell:

> *"… … … omissis … … …*
>
> *Stabbilita n-natura kummerċjali tal-obligazzjoni mertu ta` din il-kawża, it-Tribunal ser jgħaddi biex jikkunsidra jekk hux kompetenti li jisma' u jiddetermina din it-talba. Il-kwistjoni li qajjem dan it-Tribunal tiskaturixxi mill-kunflitt li jeżisti mad-daqqa t'għajn bejn id-disposizzjoni fl-**art. 547** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** li tgħid li l-kompetenza kummerċjali għaddiet għand il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li spiċċat il-Qorti tal-Kummerċ bl-Att XXIV tal-1995, u d-disposizzjoni fil-liġi li ħolqot dan it-Tribunal speċjali li tgħid li dan it-Tribunal huwa kompetenti jiddeċiedi 'biss it-talbiet kollha ta` flus ta` ammont ta` mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)', fejn ma jirrigwardjawx kwistjonijiet dwar proprjeta` immobbli, drittijiet reali jew żgumbrament minn proprjeta` immobbli.*
>
> *… … … omissis … … …*
>
> *… … … Qabel daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-1995, il-Qorti tal-Kummerċ kellha l-kompetenza tiddetermina kwistjonijiet ta` natura kummerċjali, kif definiti bl-**art. 548** tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li ma kinux jidħlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) minħabba fil-valur. L-**art. 36(2)** tal-Kap. 12, qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-1994 kien jipprovdi li 'Il-Qorti tal-Kummerċ tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha ta` natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ... meta dawn il-kawżi ma jkunux ta` kompetenza tal-qrati inferjuri.'*
>
> *L-Att XXIV tal-1995, li allura abolixxa l-Qorti tal-Kummerċ, fl-**art. 362(8)** ipprovda li 'F"kull liġi, kull referenza għall-"Qorti tal-Kummerċ" u għar-"Reġistratur tal-Qrati Superjuri" għandha rispettivament titqies bħala referenza għall-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" u għar-"Reġistratur tal-Qrati"'.*
>
> *… … … omissis … … …*
>
> *Dan it-Tribunal ġie kostitwit bl-Att V tal-1995, li daħal fis-seħħ fis-16 ta` Ottubru 1995, u ċioe 15-il jum wara d-dħul fis-seħħ tal-**art. 362(8)** tal-Att XXIV tal-1995. Id-dibattitu Parlamentari dwar l-introduzzjoni ta` dan it-Tribunal inżamm fl-istess żmenijiet li ġew diskussi l-emendi tal-proċedura ċivili, inkluż it-tneħħija tal-Qorti tal-Kummerċ.*
>
> *Għalkemm kif qalet sewwa il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-sentenza **Atlas Insurance PCC Limited vs GMC Transport Company Limited et**, il-parametri tal-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ġew kemmxejn ofuskati bl-emendi li daħħal l-Att XXXI tal-2002, li neħħa l-esklużjoni li kien hemm qabel dwar il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri, dan ftit li xejn jimpinġi fuq il-kwistjoni li għandu quddiemu dan it-Tribunal illum billi l-istess Tribunal ma jiffurmax parti mill-qrati ċivili, inferjuri jew superjuri, ta` Malta, kemm għaliex ma jissemmiex*

*bħala wiehed minnhom fil-**Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u anke għaliex l-Att V tal-1995 li kkostitwixxa dan it-Tribunal żied fil-Kap. 12 l-**art. 56A**, … …. ….*

*Din id-disposizzjoni tagħmilha ċara li dan it-Tribunal mhuwiex 'qorti', imma tribunal amministrattiv jew kważi-ġudizzjarji, b'kompetenza speċjali ristretta bit-termini tal-liġi li ħolqitu.*

*Issa, huwa minnu li in kwantu jirregola biss dan it-Tribunal, l-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Kap. 380) huwa liġi speċjali, u r-regola tal-interpretazzjoni tgħidilna li l-'lex specialis derogat generalis', pero' t-Tribunal jidhirlu li, in kwantu l-Kodiċi tal-Kummerċ jirregola biss l-atti kummerċjali, u l-kummerċjanti, u f'dak ir-rigward jidderoga kemm mil-liġi ġenerali ta` natura ċivili, u anke mil-liġi proċedurali ċivili, allura l-istess Kodiċi tal-Kummerċ għandu jitqies bħala liġi speċjali meta mqabbel mal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. B'hekk, il-Kodiċi tal-Kummerċ jiġi għandu l-istess natura ta` liġi speċjali bħall-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, u filwaqt li l-Kodiċi tal-Kummerċ ivesti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, bil-kompetenza li tisma' u tiddeċiedi kawżi dwar kwistjonijiet ta` natura kummerċjali (art. 548, Kap. 13), l-Att dwar it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar ma jidderogax minnu meta jvesti lil dan it-Tribunal bil-kompetenza li jiddeċiedi 'biss it-talbiet kollha ta` flus ta` ammont ta` mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).' Kieku l-leġislatur ried ivestiħ ukoll bil-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi kwistjonijiet ta` natura kummerċjali, fl-art. 3(2) minbarra l-kwalifika ta` 'Bla ħsara għas-subartikolu (5)', kien iżid il-kwalifika li din il-kompetenza ġenerali tapplika minkejja d-disposizzjonijiet ta` kull liġi oħra.*

*Filwaqt li dan it-Tribunal huwa konxju li f'diversi istanzi, dan it-Tribunal tratta u ddeċieda talbiet ta` indoli kummerċjali, huwa jqis li l-kompitu primarju tiegħu huwa li jwettaq, fil-kawżi li jiġu quddiemu, ir-rieda tal-Parlament, kif espressa fil-liġijiet. Il-liġi trid li l-ebda qorti jew tribunal ma jisma' jew jiddeċiedi kawża lil ħinn mis-setgħat mogħtija, u l-kompetenza vestita fih bil-liġi. Huwa għalhekk li l-kwistjoni tal-kompetenza hija waħda mill-ftit kwistjonijiet li t-tribunal huwa obbligat li jinvestiga b'inizjattiva tiegħu, anke jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-partijiet.*

*F'dan il-każ, anke jekk l-emendi li ġew introdotti fl-aħħar snin fil-liġijiet tal-proċedura ma kinux ċari biżżejjed, jew f'armonija sħiħa mal-iżviluppi l-oħra fil-leġislazzjoni, jibqa' l-fatt li l-Kodiċi tal-Kummerċ għadu viġenti, b'reġim separat mill-Kodiċi Ċivili, intiż biex jipproteġi l-interessi differenti fir-relazzjonijiet kummerċjali bl-iskop ċar li ma jiġix stultifikat in-negozju, u fl-istess ħin tiġi rispettata b'distinżjoni l-liġi u l-prattika kummerċjali. Sfortunatament, fl-aħħar deċenni, mhux dejjem ingħata l-apprezzament mistħoqq lil din ir-realta` ġuridika tagħna, possibilment fl-isforż dikjarat biex il-kawżi jinstemgħu u jiġu deċiżi kemm jista` jkun malajr, u bl-anqas xkiel proċedurali possibbli. Għalkemm dawn l-oġġettivi huwa lkoll siewja, u jaqdu l-interessi ġenerali tal-Istat, u taċ-ċittadini individwali, l-ottjeniment tagħhom ma jiġġustifikax li dan it-Tribunal jiskarta l-liġi".*

5. B'rikors prezentat fl-10 ta' Ottubru, 2017 l-attrici appellat mis-sentenza u talbet:

   *"Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti kollha ezibiti u filwaqt li tirrizerva d-dritt illi tressaq provi u xhieda ulterjuri skont il-ligi, titolb bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u konsegwentement tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-20 ta' Settembru 2017 u tichad l-eccezzjoni ta' inkompetenza ratione materiae mressqa ex officio mit-Tribunal u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu, bl-ispejjez kontra l-konvenuti".*

6. Is-socjeta` konvenuta wiegbet illi l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. Fl-udjenza tal-10 ta' April 2018 quddiem din il-Qorti, il-konvenuta rtirat l-eccezzjoni dwar in-nullita` tal-appell.

7. L-attrici tilmenta li t-Tribunal applika l-ligi hazin meta kkonkluda li m'ghandux kompetenza *rationae materiae*. Tikkontendi li l-importanza tad-dispozizzjonijiet rigward il-gurisdizzjoni kummercjali fil-Kap. 13 kienu rilevanti qabel giet abbolita l-Qorti tal-Kummerc ghaliex wara l-Att XXIV tal-1995, m'ghadx hemm htiega li ssir evalwazzjoni dwar jekk in-natura tal-azzjoni hijiex wahda purament kummercjali jew le ghall-finijiet tal-kompetenza tal-Qorti, ghaliex il-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali llum jaqghu taht il-kompetenza tal-Qorti Civili u l-uniku kriterju li jiddetermina l-kompetenza ta' kawzi civili u kummercjali huwa l-valur tat-talba. Skont l-attrici l-artikolu 3 tal-Kap. 380 jaghti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' t-talbiet kollha ta' flus f'ammont li ma jeccedix is-somma ta' €5,000 minghajr distinzjoni bejn in-natura civili jew kummerjcali tal-azzjoni. Imbaghad fit-tieni aggravju ssostni li f'kull kaz it-Tribunal kellu jibghat il-kawza quddiem il-Qorti li deherlu li kellha l-kompetenza sabiex tisma' l-kawza (artikolu 741 tal-Kap. 12).

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

8. Il-qorti taqbel mat-Tribunal fis-sens li t-talba tal-attrici hi ta' natura kummercjali (artikolu 548 tal-Kodici tal-Kummerc). Dan apparti li mill-atti fehmet li bejn il-kontendenti mhemmx kontestazzjoni dwar dan il-fatt.

**9.** L-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jipprovdi:

> *"Il-ġurisdizzjoni kummerċjali hija eżerċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

10. Dak li l-appellanti qieghda tikkontesta huwa li minkejja kellu ragun it-Tribunal japplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 547 *et seq.* tal-Kodici tal-Kummerc [Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta], kien zbaljat meta qies li kawzi dwar kwistjonijiet kummercjali ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar skont id-dispozizzjonijiet tal-Att V tal-1995 [Kap. 380].

11. Kif osserva t-Tribunal wara li bl-Att XXIV tal-1995 ma baqghetx tezisti l-Qorti tal-Kummerc, l-artikolu 547 gie emendat fis-sens li l-gurisdizzjoni kummercjali hi ezercitata

mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Gie emendat ukoll l-artikolu 32(2) tal-Kap. 12 li sar jaqra: "*Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili kif ukoll kummercjali*".[1]

12. Sussegwentement, bl-introduzzjoni tal-Att XXXI tal-2002 (regolament 16), l-isem tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili sar jaqra "il-Qorti Civili" u l-Artikolu 32(2) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> "*Il-Qorti Ċivili taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom*".[2]

13. It-Tribunal ghamel ukoll riferenza ghall-artikoli 47 u 56A tal-Kap. 12:

> *"47. (1) Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat wieħed jippresjedi, u dik il-qorti, bħala qorti tal-ewwel grad tisma' u tiddeċidi* ***l-pretensjonijiet kollha*** *sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqogħdu, jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja, f'parti tal-Gżira ta' Malta.*
>
> *(2) Dik il-qorti tiddeċiedi wkoll il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi espressament tħalli għaliha.*
>
> *(3) Iżda l-kawżi li fihom jidħlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li għandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, piżijiet jew drittijiet oħra mgħaqqdin mal-beni immobbli, inkluża kull talba għal żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqgħodu jew li għandhom l-abitazzjoni ordinarja tagħhom fil-limiti tal-ġurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidħlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba".*
>
> *"56A. Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi* ***l-qrati inferjuri ma għandhomx jieħdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar*** *imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar".*

14. Meta tqies dawn id-disposizzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li:

i. Hi l-Qorti Civili li ghandha l-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, kif konfermat mill-artikoli 32(2) tal-Kap.12. Ghalkemm l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi li l-gurisdizzjoni kummercjali hi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-Prim'Awla hi biss sezzjoni tal-Qorti Civili (ara regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.19). Sezzjoni li skont l-istess regolament hi ta' gurisdizzjoni generali. Ghalhekk l-artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc qieghed illum semplicement jipprovdi liema hi s-sezzjoni tal-Qrati Civili li tisma' u taqta' l-

[1] Enfazi tal-Qorti.

[2] Enfazi tal-Qorti.

kawzi ta' natura kummercjali. Ghaldaqstant, ir-regola generali hi li l-kawzi kummercjali jinstemghu u jigu decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

ii. Pero' mbaghad l-artikolu 47 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddeciedi ***"l-pretensjonijiet kollha"*** sal-ammont ta' €15,000. Il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn jekk il-pretensjoni tkunx ta' natura civili jew kummercjali. Huma biss il-pretensjonijiet li jissemmew fis-subinciz (3) li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) m'ghandhiex il-kompetenza li tiddeciedi. F'dak is-subiciz m'hemmx inkluz kwistjonijiet ta' natura kummercjali. Ghalhekk il-qorti taqbel mal-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza **Atlas Insurance PCC Limited vs GMC Transport Company Limited et** tas-27 ta' Ottubru, 2014 li kkonkludiet li ghandha l-kompetenza biex tiddeciedi kawzi ta' natura kummercjali sal-ammont ta' €15,000. Jekk wiehed kellu jieqaf hawn, il-kawza tinstema' u tigi deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Madankollu skont l-artikolu 56A tal-Kap. 12, dik il-qorti m'ghandhiex tisma' u tiddeciedi kawza li taqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

iii. L-artikolu 3 tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar jipprovdi li dak it-Tribunal jisma' u jaqta' ***"it-talbiet <u>kollha</u> ta' flus"*** ta' ammont mhux iktar minn €5,000. Il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn kawzi civili u kummercjali. Hi ligi specjali li tapplika ghat-talbiet **<u>kollha</u>** ta' flus. Jekk hemm ligi specjali hi l-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Kieku l-intenzjoni tal-legislatur kienet li fil-kliem *"it-talbiet kollha ta' flus"* jeskludi kawzi ta' natura kummercjali, kien jaghmel rizerva f'dik il-ligi kif ghamel f'subinciz (5) fir-rigward ta', *"Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar propjeta ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin mal-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri hamest elef euro (€5,000), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal"*.

15. Ghaldaqstant tikkonkludi li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu l-kompetenza biex jisma' u jaqta' kawza kummercjali. Fic-cirkostanzi mhemmx htiega li jigi mistharreg it-tieni aggravju.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Settembru, 2017 u tichad l-eccezzjoni li t-Tribunal m'ghandux kompetenza. Spejjez a karigu tal-konvenuta gialaldarba ddikjarat li taqbel mas-sentenza li giet imhassra.**

**L-atti ghandhom jintbaghatu lura quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.